**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**James Marsala**

**Kumpilazzjoni Numru: 104/15**

**Illum, hmistax (15) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra James Marsala, detentur tal-karta tal-identità numru 318486M gie akkuzat talli:

Bejn it-22 ta' Dicembru 2014 u l-01 ta' Jannar 2015 minn ġewwa 52, Triq il-Mediterran, San Gwann u/jew fil-vicinanzi:-

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), bil-'lok', bil-'hin' ghad-dannu ta' Audrey Claude Martine u/jew persuni ohra. (Art. 261(b)(c)(e)(f), Art. 263(a), Art. 265, Art. 267, Art. 269(g), Art.270, Art. 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Akkuzat aktar talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom. (Art. 334(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Akkuzat aktar talli fit-03 ta' Jannar 2015 u fil-gimghat ta' qabel f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha. (Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu

101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'kaz ta' htija giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioè:-

- Fl-artikoli 17, 31, 49(1), 289(1), 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 261(b), (c), (e), (f), 263(a), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

## IKKUNSIDRAT

Illi mix-xhieda ta' **PC 848 Lawrence Gabriel** stqarr illi fit-3 ta' Jannar 2015 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) gew infurmati minn certa Lindsey Ann Xuereb li kienet irceviet messagg mill-imputat li ried itemm hajtu. Meta marru fuq il-post sabu li kien hemm video camera f'pouch li kien ghadu kemm kien insteraq il-gurnata ta' qabel skont kif kien qallu sid il-post. L-istess sid il-post infurmah li l-imputat seta' kien fir-residenza ta' siehbu li tigi bieb ma' bieb mar-residenza tal-imputat u fil-fatt meta fethu l-post sabu lill-istess imputat mixhut bla sensi fuq is-sufan. Jghid illi f'dan il-post sabu xi affarijiet relatati mad-droga filwaqt mill-appartament tal-imputat id-derubati setghat tinnota gakketta tal-gilda kannella u xi rkiekel tal-hajt li kienet xtrat minn Franza.

Xehed is-sieheb tad-derubata **Nicolas Gueydon** li sussegwentement ix-xhieda tieghu giet sflizata minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat 20 ta' Jannar 2022 stante li ma setax jigi kontroezaminat minhabba li ma riedx jerga' jixhed.

Semghet lil **PS612 Theo Vella** fejn dan kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta flimkien ma' PC422 Neil Godwin Caruana sabiex jiehu xi ritratti fit-2 ta' Jannar kif ukoll l-ghada fuq l-allegat attentat ta' suwicidju min-naha tal-imputat u jelevaw xi impronti. Huwa ghalhekk ipprezenta rapport ghal dan il-ghan li gie mmarkat bhala Dok. TV1. Il-lifters misjuba fl-appartament tad-derubati huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 14 AAI 301 | Lifter elevat minn fuq il-bieba tal-gwardarobba tal-main bedroom gewwa l-kamra No 52 |
| 14 AAI 302 | Lifter elevat minn fuq il-bieba tal-gwardarobba tal-main bedroom gewwa l-kamra No 52 |
| 14 AAI 303 | Lifter elevat minn fuq il-bieba tal-gwardarobba tal-main bedroom gewwa l-kamra No 52 |
| 14 AAI 304 | Lifter elevat minn fuq kexxun fil-main bedroom gewwa l-kamra No 52. |

Dan ir-rapport jghid ukoll illi fuq il-post senjatament hdejn u gos-sink tal-kcina tal-istess abitazzjoni tad-derubati

nstabu xi tissues li kellhom ticpis ta' lewn blu u li kienu estranji ghad-derubati (15 AAI 01).

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi fil-fond fejn kien instab l-imputat u cioè fin-numru 54 instabet ukoll video camera Samsung li allegatament kienet giet nieqsa mill-fond No. 52. Jghid ukoll illi biswit fejn kien instab l-imputat instabu wkoll xi siringi, xi tissues imcappsin b'likwidu ahmar li gew elevati. Indagini a rigward xi zarbun li kien jixbah lill-impronti tas-sieq misjuba fit-tieqa tal-kcina rrizultat fin-negattiv.

Xehed ukoll l-espert kimiku **Dr Godwin Sammut** fejn ikkonferma s-sejba tas-sustanza kannabis (0.73g) u fis-siringa misjuba nstabu tracci ta' eroina (Dok. GS2).

**Audrey Sauvan** xehdet illi hija toqghod go residenza bin-numru 52, Triq il-Mediterran, San Gwann fejn gie kkonvertit il-garaxx sottostanti f'zewg appartamenti. Hija kkonfermat li dakinhar li waslu minn barra sabu kullimkien imqalleb b'xi affarijiet neqsin li kienet tat lista lill-Magistrat Inkwirenti. Xehdet ukoll illi t-total tal-affarijiet misruqa kien

ta' cirka sitt elef u tmien mitt ewro (€6,800). Hi kkonfermat illi fl-appartamenti sottostanti kien joqghod l-imputat u ragel iehor Svediz li ma kinitx tafu hafna. Hija tghid illi min dahal gie min-naha ta' wara u cioè mit-tieqa tal-kcina li taghti ghal terazzin li jigi fuq dawn l-appartamenti fejn instabet il-marka tas-sieq. Tghid illi sabet il-kamera fil-kamra tal-banju tal-appartament tal-persuna Svediza fejn kien hemm ukoll xi affarijiet fil-gwardarobba tieghu. Instabu wkoll xi affarijiet fl-appartament tal-akkuzat.

Xehed ukoll l-espert **Joseph Mallia** fejn ghamel ezami komparattiv tal-pali tal-idejn tal-imputat u kkomparahom ma' dawk misjuba fuq ix-xena fejn dan jghid illi dan l-ezami rrizulta fin-negattiv tant li l-ebda impronta ma kienet taqbel ma' tal-imputat (Dok. JM1).

Finalment semghet ix-xhieda tal-akkuzat **James Marsala** li nnega kategorikament l-involviment tieghu fis-serqa inkwistjoni u jtenni illi dak iz-zmien huwa kien hazin hafna, ried itemm hajtu u kien ilu jikkontempla dan ghal numru ta' gimghat. Fil-fatt dakinhar tal-incident kien fl-appartament tieghu lest li jinjetta l-eroina izda sema' lil sid il-kera jipprova jiftah il-bieb u dan beda jsakkru minn

gewwa. L-imputat izid jghid illi meta beda jara illi l-pjan tieghu kien ser jisfaxxa huwa mar ghand il-gar tieghu mit-tieqa li taghti ghall-bitha u dahal f'dan l-appartament li l-imputat jiddeskrivi bhala Tork izda li kien jitkellem bit-Taljan u hemmhekk irnexxielu jinjetta lilu nnifsu fejn imbaghad wara sabuh il-pulizija. L-imputat jikkonferma illi qatt ma dahal fl-appartament tal-vittmi u qatt ma seraq dawk l-oggetti. Jghid ukoll illi ftit qabel kien ihalli persuna ohra Gharbija toqghod fl-appartament tieghu ghaliex kien ihenn ghalih. Jghid ukoll illi l-oggetti misjuba fl-appartament tieghu u li l-vittmi kienu qalu li dawk kienu taghhom fosthom ukoll il-gakketta tal-gilda, dawn kienu tieghu. Fil-fatt jghid illi huwa kellu diversi ggieget tal-gilda li kienu ta' huh. Huwa jghid illi llum il-gurnata huwa m'ghadux bil-vizzju tad-droga u ghamel programm apposta.

Illi insostenn tax-xhieda tieghu d-difiza tellghet numru ta' professjonisti bhala xhieda li kollha kkonfermaw il-passat tad-dipendenza fuq id-droga tal-imputat u li llum il-gurnata huwa riabilitat. Dawn ix-xhieda kienu **Dr Alosia Camilleri** (fol. 289), **Maria Caruana** li tirraprezenta l-Agenzija Caritas (fol. 294), **Dr Anthony Dimech** psikjatra fl-isptar

Monte Carmeli (fol. 306), **Oswald Balzan** rapprezentant Monte Carmeli (fol. 319 – Dok. OB1).

**IKKUNSIDRAT**

Rat l-atti tal-proces verbal rigwardanti dan il-kaz redatt mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera datat 12 ta' Frar 2015;

Rat ukoll it-talba tal-Avukat Generali fejn talab illi l-akkuzi tlieta (3) u erbgha (4) jigu decizi minn Qorti assenjata li tisma' akkuzi ta' drogi liema talba giet sussegwentement ezawrita stante li l-Artikoli tal-Avukat Generali datati 27 ta' Frar 2017 ma jindikawx l-Artikoli applikabbli ghall-akkuzi tlieta (3) u erbgha (4);

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-

Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb*

*tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible*

*but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti tippremetti mill-ewwel illi ghalkemm jidher mill-ewwel daqqa t'ghajn li hemm provi li jinducu fuq il-kolpevolezza tal-imputat, però jekk jigu mgharbula sew il-provi prodotti johrog car illi l-kaz tal-prosekuzzjoni ghandu hafna lakuni li meta tghaqqad il-bicciet kollha ma jaghtux is-serhan tal-mohh illi huwa ppruvat sal grad li trid il-ligi u cioè oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett ta' provi indizzjarji. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u*

*minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed*

*ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi tenut kont tal-insenjament tal-Qrati Superjuri, jinghad illi l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa nieqes minn certu elementi illi jxejjnu l-kaz taghhom.

Illi fl-ewwel lok mill-provi xjentifici kondotti fuq is-sit tal-allegat serq ma nstabu l-ebda marka tas-swaba tal-imputat fl-ebda punt. L-istess jinghad ghal dik il-marka tas-sieq li nstabet minn fejn allegatament dahal il-malvivent u ghalhekk dawn ma jwassalx ghal fatt li l-imputat ma kienx fil-post *de quo*. Illi maghdud ma' dan l-imputat dejjem innega li qatt dahal gewwa dan il-fond.

Illi fit-tieni lok ma ngabitx prova ta' kif inhi mqassma l-propjetà kollha li tifforma parti mit-tliet appartamenti inkwistjoni u dan sabiex jigi stabbilit jekk kienx facli o meno li l-imputat ikollu access ghal propjetà tal-allegat vittmi.

Fit-tielet lok it-tielet persuna msemmija mill-vittma kif ukoll mill-imputat li ghandha nstab l-istess imputat mitluf minn sensih, qatt ma giet imressqa bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Fir-raba' lok jinghad illi l-unika prova certa li gabet il-prosekuzzjoni hi li xi oggetti nstabu fil-propjetà mikrija lill-imputat li tali oggetti l-parte civile allegat li kienu jappartjenu lilha. Però harsa lejn x'inhuma dawn l-oggetti ma tantx jibqa' l-validità probatorja taghhom u dan kif ser jinghad. Illi dawn l-oggetti huma xi mincotti li nstabu fil-komodina tal-imputat (150013AAM), gakketta tal-gilda kannella u flixkun tal-imbid misjub fil-frigg tal-imputat. Illi a rigward il-mincotti dawn gew misjuba fil-kexxun tal-komodina tal-imputat li mad-daqqa t'ghajn taghhom ma ghandhom xejn vizibbli li juru li dawn setghu jappartjenu ghall-parte civile bhal per ezempju xi marki identifikabbli jew xort'ohra. A rigward il-flixkun inbid dan instab fil-frigg tal-imputat izda r-ritratti esebiti ma jurux il-flixkun per se u xi kwalità kien. Illi gialadarba kwazi kull familja jista' jkollha flixkun inbid fid-dar u gialadarba dan instab fil-frigg tal-imputat huwa inverosimili li dan il-flixkun kien misruq. Finalment a rigward tal-gakketta tal-gilda jinghad illi gialadarba x-xhieda tas-sieheb tal-parte civile kienet

giet skartata, u gialadarba l-imputat gab skuza valida fuq din il-gakketta ma tarax kif din il-Qorti tista' tkun konvinta moralment li din il-gakketta hija verament dik tal-parte civile. Ulterjorment il-parte civile fix-xhieda taghha tghid illi kienet rat is-suf tal-qattus taghha fuq din il-gakketta izda prova xjentifika ta' dan il-fatt qatt ma ngabet.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciment morali bil-kolpevolezza tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **James Marsala** hati tal-akkuzi wiehed (1) u tnejn (2) stante li ma gewx ippruvati oltre dubju ragjonevoli u kwindi tilliberah minnhom u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**